MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 676/2005

**Atlas Insurance Limited) kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Simon Hansford u l-istess Simon Hansford f'ismu propju**

**vs**

**Sally Gatt**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Marzu 2005 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' Lm260.00 (mitejn u sittin Liri Maltin), jew somma verjuri, rapprezentanti danni mhallsa mis-socjeta' attrici fuq vettura UTD 011 assikurata comprehensive hlief ghall-Lm50 (hamsin lira Maltin) excess, u ghal liema somma s-socjeta' attrici tinsab surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Simon Hansford u dan b'rizultat ta' habta li grat fit-8 ta' Lulju, 2003, go Hal Balzan, meta waqt li l-konvenuta kienet qed issuq il-

vettura FBL 991 habtet mal-vettura UTD 011 ta’ Simon Hansford u misjuqa minnu u ghal liema incident il-konvenuta kienet unikament responsabbli.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-3 ta’ Marzu 2004, u bl-imghax tat-8% fuq Lm260 mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz, sal-hlas effettiv, u bl-ispejjez tal-ittra ufficjali tas-16 ta’ Marzu 2005, rikjesta mil-Ligi, kontra Middle Sea Insurance Co. Ltd., assiguraturi tal-konvenuta, u Lm15 konsult, kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet ta’ l-atturi sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gewipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tal-atturi u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn u sittin Liri Maltin (Lm260.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra Middlesea Insurance Co. Limited, l-assikuraturi tal-konvenuta, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------